MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2014

Numru. 1124/2013

**Artikoli 49, 50, 252(1), 325(c), 338(dd), 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jesmond Micallef)**

**vs**

**MARIO SAMMUT**

**JOSEPH GRECH**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **MARIO SAMMUT** ta' 53 sena, bin Francis Sammut u Dolores nee' Hudson, imwieled Mtarfa fil-25 ta' Ottubru, 1959, residenti 11, Flat 2, Triq Antonio Miruzzi, Santa Venera, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 680259(M)

u

**JOSEPH GRECH** ta' 42 sena, bin George Grech u Gaetana xebba Richmond imwieled Pieta' nhar id-19 ta' Novembru, 1970 u residenti 147, Aymen, Triq Stiefnu Zerafa, Marsa u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 508470(M) gew imressqa quddiemha u akkuzati talli nhar it-02/02/2013 ghall-habta ta' 16.25Hrs waqt li kien jinsab fi Triq ix-Xatt, Sliema;

1) Kisru volontarjament il-bonordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat, storbju u glied.

2) Kif ukoll volontarjament hassru, jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u dan billi kkagunaw hsara fuq vettura OOI969 tal-ghamla Ford Marcos ghad-dannu ta’ Charles Zahra;

3) Hebbew kontra Charles Zahra sabiex jingurjawh, idejquh jew jaghmlulu hsara

4) Kif ukoll ikkagunaw feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Charles Zahra, skond ma ccertifika Dr. Andrew Farrugia Wismayer Med Reg 5345 tal-isptar Mater Dei

5) bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ Charles Zahra, wegghuh bi kliem, b’gesti. b’kitba, b’disinji jew b’xi mod iehor.

U aktar talli fil-kaz ta’ Mario Sammut sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 tal-Kodici Kriminali Kapitlu 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija tapplika s-soltu garanzija Kap. 9 Sec 383 u dan ghas-sigurta ta’ Charles Zahraa u Omar Zahra.

Il-Qorti giet mitluba meta jidhrilha xierqa sabiex tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Charles Zahra u Omar Charles Zahra u flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat torbot lil Mario Sammut b’obbligazzjoni taghha nnifisa b’penali ta’ somma flus li tigi ffirmata mill-Qorti. (Kap. 9 Art. 412 C)

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom rapport mediku a fol. 10 et sequitur, il-kunsens tal-Avukat Generali datat 10 ta' Dicembru, 2013 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja liema kunsens gie mmarkat bhala Dok. MJP1, sett ta’ dokumenti mmarkati bhala Dok. CZ1 sa Dok. CZ10 a fol. 46 u okkorrenza mmarkata bhala Dok. PS a fol. 60 et sequitur.

Illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti b’digriet ta’ Assenjazzjoni tal-Prim Imhallef datat 21 ta’ April, 2014 u din il-Qorti minnufih appuntat il-kawza ghas-smiegh ghal nhar id-9 ta’ Gunju, 2014 ghall-kontinwazzjoni.

Rat illi fis-seduta tat-13 ta’ Ottubru, 2014 Dr. Frank Cassar ghall-parte civile Charles Zahra ddikjara li Charles Zahra m’ghandu l-ebda pretensjoni fil-konfront tal-imputati u qieghed jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront taghhom. Inoltre ddikjara li qieghed jahfer lill-imputati f’kaz li hemm xi akkuzi li m’humiex rinunzjabbli.

Ikkunsidrat.

Illi jinghad li t-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba’ (4) u l-hames (5) akkuza jistghu jigu renunzjati da parte tal-kwerelant u ghalhekk in vista ta’ tali renunzja din il-Qorti qed tikkunsidra l-procediment fir-rigward ta’ dawn l-erba’ (4) akkuzi bhala ezawriti u qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

Il-Qorti rat l-Artikolu tal-Ligi u cioe’ l-**Artikoli 49, 50, 252(1), 325(c), 338(dd), 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u tiddeciedi s-segwenti.**

Dwar l-ewwel (1) akkuza l-Qorti ezaminat l-atti u din il-kontravenzjoni tirrizulta provata pero’ fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u appuntu r-renunzja tal-kwerelant thoss li ghandha taghti biss canfira ai termini tal-Artikolu 7(2)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dwar it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba’ (4) u l-hames (5) akkuza l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghhom u tiddikjara l-procediment ezawrit fir-rigward ta’ dawn l-erba’ (4) akkuzi u qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

Dwar l-akkuza tar-recidiva din ma tirrizultax stante li r-recidiva li nghatat mill-prosekuzzjoni hija dik naxxenti mill-Artikolu 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk mhux applikabbli ghall-kaz in ezami.

Stante li l-kwerelanti hafru lill-imputati ma ghadx hemm lok li din il-Qorti timponi l-garanzija kif dispost fl-Artikoli 383 u 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali talba tal-prosekuzzjoni.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------